MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 109/2011

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti, li hija persuna ta' nazzjonalita Bulgara kellha relazzjoni ma' l-intimat Ventsislav Kostadinov Mihaylov, ukoll ta' nazzjonalita Bulgara, mil-liema relazzjoni twieled tifel bl-isem ta' V V Kostadinov gewwa Polsko Kosovo, il-Bulgarija fl-ghaxra [10] ta' April tas-sena elfejn u tlieta [2003] u gie rikonoxxut bhala l-wild naturali mill-istess intimat, kif jista' jigi kkonstatat mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. AAA1;

2. Illi r-rikorrenti ilha tghix u tahdem hawn Malta ghal dawn l-ahhar erba' snin – in effetti, peress illi r-rikorrenti kellha familjari taghha jghixu diga gewwa Malta, u senjatament iz-zija taghha Irena Ciantar, li hija mizzewga ragel Malti, l-intimat ddecieda illi jibghat lir-rikorrenti hawn Malta f'Settembru tas-sena 2006 minhabba diversi problemi finanzjarji illi kienu ghaddejjin minnhom il-partijiet bil-ghan illi omm ibnu ssib xoghol u taqla' flus bizzejjed biex trabbi lil binha minuri;
3. Illi mix-xoghol illi kienet tizvolgi hawn Malta, ir-rikorrenti kienet tibghat ammont sostanzjali ta' flus illi kienet taqla' lura l-Bulgarija bhala manteniment ghal binha minuri, filwaqt illi l-intimat qatt ma ipprovda u/jew hallas manteniment fil-konfront ta' ibnu minuri, u ghadu jonqos minn dan l-obbligu tieghu sal-gurnata tal-llum.
4. Illi fil-frattemp sakemm ir-rikorrenti kienet qed tghix u tahdem hawn Malta, l-iben minuri tal-partijiet baqa' jghix il-Bulgarija flimkien ma' omm ir-rikorrenti, in-nanna materna Tatyana Stoyanova Genceva li hadet ir-responsabbilita ta' l-istess minuri sakemm ommu r-rikorrenti kienet barra mill-pajjiz – ir-rikorrenti kienet tmur il-Bulgarija sabiex tara lil binha regolarment, filwaqt illi l-intimat li kien jghix ma' omm ir-rikorrenti f' Settembru 2006, wara ftit xhur abbanduna lil ibnu, telaq minn dar omm ir-rikorrenti, u kien aktar interessat f'relazzjonijiet ma' nisa ohra u vjaggar minn belt ghal belt gewwa l-Bulgarija, imbaghad eventwalment l-ewwel siefer il-Grecja u mbaghad circa xi tlett snin ilu telaq lejn Amsterdam gewwa l-Olanda fejn ghadu jghix sal-gurnata tal-lum. Lil ibnu minuri hallieh warajh jghix flimkien ma' nanntu u ma kien jimpurtah assolutament xejn minnu;
5. Illi iben il-partijiet zviluppa kundizzjoni rari f'ghajnejh maghrufa bhala Hypermetropia oc. utr. Blepharitis chronica oc.utr. meta kellu erba' snin, liema kundizzjoni ma setghetx tigi adegwatament trattata minhabba diversi problemi, fosthom il-fatt illi tobba fl-akkwati tal-villagg tar-rikorrenti ma setghux isibu tarf u l-uniku sptar gewwa l-Bulgarija kollha illi jispecjalizza fl-ghajnejn, u cjoe Sv. Petka Opthalmic Clinic Medical Centre, gewwa l-belt ta' Varna, jinsab aktar minn 400 km 'il boghod mill-villagg tar-rikorrenti, hu inaccessibli ghar-rikorrenti f'certi perjodi tas-sena, u l-appuntamenti moghtija tant kienu 'il boghod illi l-

kundizzjoni medika tat-tifel minuri kompliet taggrava ruhha konsiderevolment u ma bdietx tigi kkurata – nuqqas ta' kura ta' din il-kundizzjoni jista' jkollha effetti gravi, specjalment in vista tal-fatt illi t-tifel minuri ghadu qieghed jikber u jizviluppa.

6. Illi l-intimat kien jaf dwar din il-kundizzjoni ta' ibnu izda qatt ma ta kas jew wera interess jew b'xi mod ipprovda ghat-trattamenti ta' ibnu filwaqt illi r-rikorrenti kellha minn xogholha f'Malta tipprovdi u thallas ghal kollox f'dan ir-rigward, inkluz ghat-trasport biex tiehu lil binha l-isptar u taghmel id-decizjonijiet kollha necessarji fl-ahjar interess ta' sahhet binha;

7. Illi l-minuri gie hawn Malta mar-rikorrenti f'Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra [2010] bil-kunsens tal-missier u dana wara li r-rikorrenti ddecidiet illi ssiblu kura gewwa Malta – in effetti huwa diga jinsab taht il-kura ta' Dr. Mario Tabone, specjalista ta' l-ghajnejn - diga attenda ghal zewg appuntamenti u tnejn ohra huma ffissati fil-gimghat li gejjin. Ir-rikorrenti qed tara progress sostanzjali fil-kundizzjoni medika ta' binha.

8. Illi fil-frattemp mill-bidu ta' Jannar ta' din is-sena r-rikorrenti dahhlet lil binha minuri fi skola sabiex ikun jista' jkompli bl-edukazzjoni tieghu waqt li jkun qieghed jiehu t-trattamenti medici necessarji hawn Malta. It-tifel minuri illum imur gewwa Newark Junior School illi tinsab gewwa Parisio Street, Sliema u f'dawn l-ewwel tlett xhur diga' ghamel progress sostanzjali fit-taghlim tieghu. Meta wiehed jikkonsidra li dakinhar li wasal Malta ma kienx jaf jikkomunika hlief bil-lingwa tieghu, u cjoe il-Bulgaru, f'dawn l-ahhar tlett xhur illi ilu jattendi l-iskola, V diga kapaci jitkellem tajjeb bl-Ingliz u jzomm konversazzjoni bl-Ingliz sia mat-tfal tamparu sia ma' adulti, kif ukoll diga' beda jaqra xi kotba bil-lingwa Ingliza. Addirittura kapaci jaghmel traduzzjoni mill-Ingliz ghall-Bulgaru sabiex ifiehem lil nanntu illi giet tghix ukoll gewwa Malta. Fil-Parents Day illi nzammet ricentement, ir-rikorrenti giet mgharrfa mill-ghalliema ta' binha illi huma kuntenti hafna bit-tifel taghha u bil-progress notevoli illi qieghed jaghmel;

9. Illi fil-fatt l-esponenti minn dejjem hadet hi d-decizjonijiet importanti ghat-trobbija tal-minuri inkluzi dawk tas-sahha, edukazzjoni u kkontribwiet ghall-bzonnijiet kollha tal-minuri anki a skapitu li tissagrifika ruhha u

tahdem f’pajjiz ‘il boghod minn pajjizha fejn kellha opportunijiet ahjar minn gewwa art twelidha, bil-kuntrarju ta’ l-intimat illi qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri u qatt ma involva ruhu fit-trobbija ta’ l-istess minuri. Anki fil-prezent, ghalkemm l-intimat jaf illi t-tifel qieghed taht kura medika, ma interessa ruhu xejn f’dak illi qieghed jigri f’dan ir-rispett, u in oltre ghalkemm jaf li ibnu qieghed jattendi l-iskola Malta u jaf liema hi l-iskola, qatt ma pprova jaghmel kuntatt ma’ rapprezentanti ta’ l-istess skola sabiex jara il-progress ta’ ibnu fl-edukazzjoni tieghu. L-intimat m’hu qed jaghmel assolutament l-ebda sforz sabiex jistabilixxi relazzjoni ma’ ibnu u qed tkun l-omm li qed ikollha iggorr ir-responsabbilita ghat-trobbija ta’ binha b’mod assolut.

10. Illi l-missier intimat jaghmel zmien twil ma jikkomunika ma’ l-esponenti bil-konsegwenza li ibati t-tifel minuri tal-partijiet u ma tkun tista’ tittiehed ebda decizjoni dwar l-istess tifel, filwaqt illi l-kuntatt ta’ l-intimat ma’ ibnu huwa limitat hafna ghaliex dejjem jilmenta illi huwa m’ghandux flus biex icempel lil ibnu stess, meta fil-verita ir-rikorrenti taf illi huwa jahdem gewwa l-Olanda u jaqla’ flus izda qatt ma impurtah minn ibnu u mid-dmirijiet tieghu lejn ibnu bhala genitur. In oltre, l-intimat kemm-il darba hedded lir-rikorrenti illi diment li hi ma tghix mieghu, qatt m’hu ser tkun tista’ tghix ma’ binha fil-paci.

11. Illi permezz ta’ sentenza moghtija minn tribunal gewwa Byala, il-Bulgarija fl-10 ta’ Jannar 2011, l-intimat missier gie kkundannat ihallas manteniment ghal ibnu minuri fis-somma ta’ mija u hamsin leva ekwivalenti ghal sitta u sebghin Ewro u disgha u sittin centezmu [€76.69] kull xahar mis-7 ta’ Gunju 2010 ‘il quddiem, kif ukoll arretrati ta’ manteniment ghal sena bejn is-7 ta’ Gunju 2009 u s-7 ta’ Gunju 2010 fl-ammont ta’ elf u tmien mitt leva ekwivalenti ghal disa’ mija u ghoxrin Ewro u tletin centezmu [€920.30], izda dan nonostante l-intimat baqa’ ma jhallas l-ebda manteniment ghal ibnu minuri;

12. Illi in oltre illum ir-rikorrenti hija involuta f’relazzjoni stabbli ma’ terza persuna Maltija, certu Kevin Muscat, u fl-opinjoni ta’ social worker Josanne Abela huwa idejali illi V jitrabba minn ommu f’dan l-ambjent familjari. Di piu, ir-

rikorrenti tixtieq tistabilixxi r-residenza abitwali u permanenti ta' binha maghha hawn Malta, anki in vista tal-fatt illi omm ir-rikorrenti ukoll qed tghix u tahdem gewwa Malta u r-rikorrenti m'ghad fadlilha l-ebda familja gewwa l-Bulgarija;

13. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi bil-ftuh tal-kawza odjerna permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti per Imhallef Dr. Anna Felice datat 21 ta' Frar 2011, liema digriet qed jigi hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. AAA2;

**RAGUNI GHAT-TALBA**

14. Illi bhalma diga nghad il-missier intimat ta' nazzjonalita Bulgara prezentement jirrisjedi permanentement fl-Olanda filwaqt illi l-esponenti tixtieq tistabilixxi r-residenza permanenti u abitwali taghha u ta' binha gewwa Malta fejn ilha tghix hi ukoll ghal aktar minn erba' snin sabiex tkun tista' trabbih idonejament, u ghaldaqstant ghandha bzonn illi tinghata l-kura u l-kustodja tat-tifel esklussivament u dan sabiex tkun tista' tiehu dawk id-decizjonijiet kollha mehtiega fl-ahjar interess tieghu bid-drittijiet u bid-dmirijiet kollha naxxenti mill-awtorita tal-genitur skond il-ligi wahedha minghajr in-necessita ta' l-approvazzjoni u/jew il-kunsens tal-missier intimat;

15. Illi ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura.

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Taffida u takkorda l-kura u l-kustodja tal-fuq msemmi iben minuri V V Kostadinov esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija u safar tal-minuri ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn ta' l-awtorizzazzjoni u/jew il-kunsens ta' l-intimat, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmi minuri;

2. Tirregola l-access ta’ l-intimat missier, b’dana illi kwalsiasi access ghandu jigi ezercitat minnu limitatament gewwa l-gzejjer Maltin fejn tirrisjedi ir-rikorrenti fil-prezent u fejn trid tistabilixxi r-residenza abitwali u permanenti taghha u ta’ binha minuri, b’dawk il-modalitajiet kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni ghas-safar tal-minuri numru 70/2011 li qed jigi pprezentat kontestwalment mal-prezenti rikors guramentat kontra l-intimat li hu ingunt mnn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimati, li *in forza* taghha huma eccepew :

i. Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

ii Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri V V fejn min-naha taghha r-rikorrenti tikkontendi li ghandha tkun hi stess li tigi fdata b’mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri filwaqt li l-intimat assenti jkollu access fl-istess pajjiz tar-residenza tal-istess minuri.

**Verzjoni tar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti taghti spjegazzjoni dettaljata tal-kronologija tal-fatti li eventwalment wassluha sabiex tintavola l-kawza odjerna u dan mhux biss permezz tar-rikors promotur izda wkoll permezz tal-affidavit dettaljat taghha. Fil-qosor, hija tghid li bdiet tghix mal-intimat meta hu kellu ghoxrin sena filwaqt li hi kellha biss erbatax-il sena. Tghid li f’pajjizha u l-post minn fejn gejja, huwa normali li tfajliet ta’ hmistax-il sena jizzewgu rgiel li huma akbar minnhom. Ftit wara harget tqila bil-minuri V V li twieled nhar l-10 ta’ April 2003 u gie rikonoxxut mill-intimat assenti kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri esebit in atti. Wara t-twelid tat-tarbija, l-partijiet marru jghixu ghand ommha izda ftit taz-zmien wara, l-intimat qalilha li kien ser imur jixtri l-hrieqi ghall-istess minuri izda qatt ma rega’ rritorna lura ghand ommha. Mar ghand ommu u ghalkemm ma kienx hemm distanza, xorta baqa’ lura milli jara lil ibnu. Ma kkontribwixxa xejn ghall-istess tifel li kien ghadu kif jitwieled. Issemmi wkoll episodju fejn kien irrabjat ghax haseb li r-rikkorrenti kienet biddlet isem il-minuri, qabad u mar tieg fejn kien jaf li ser tkun u kien fizikament vjolenti maghha. Tghid li din ma kienitx l-ewwel okkazjoni fejn wera dan l-aspett vjolenti tal-karattru tieghu.

L-istess rikorrenti tghid li kien hemm perjodu zghir ta’ rikonciljazzjoni bejniethom u li ttamat li kien verament ser jinbidel u li fl-ahhar ser ikollha l-familja li dejjem riedet ghal binha, izda l-intimat qabad u telaq mix-xoghol wara tlett xhur tant li spiccaw minghajr flus u kellhom imorru jghixu mal-genituri tieghu. Dan l-arrangament ma kienx wiehed ta’ success ghax il-genituri tieghu staqsewhom biex jitilqu wara biss gimghatejn minkejja li kienu jafu li ma kellhomx flus biex jghixu u jrabbu tarbija u ma kellhom imkien fejn jistghu imorru. Ghamlu zmien jghixu ghand iz-ziju tieghu u ghand il-familjari u f’dan iz-zmien l-abbuz fiziku u emozzjonali kompla. Kienu jiddependu minn dawn il-familjari sabiex jghixu u jghajjxu lit-tifel taghhom. Din it-tip ta’ hajja ta’ minghajr ebda forma ta’ stabbilita’ kompliet tant li kien hemm anke episodji fejn l-intimat abbanduna lil

ibnu u lir-rikorrenti ghal xhur minghajr ma wera interess fihom.

Tghid ukoll li f'dawn l-ahhar snin stabbiliet ir-residenza taghha hawn Malta wara li kienet ftehmet mal-intimat li kienet ser tigi hawn Malta biex issib xoghol. Lilu hallietu jghix ghand ommha filwaqt li l-minuri kien qieghed jghix ukoll man-nanna materna tieghu gewwa l-Bulgarija taht il-kura u l-kustodja taghha. Ir-rikorrenti zammet kuntatt regolari mieghu tant li kienet tmur tarah ta' spiss filwaqt li l-intimat, telaq minghand omm ir-rikorrenti u abbanduna lil ibnu ghax kien aktar interessat f'hajja ta' vjaggar u nisa ohra milli f'ibnu. Min-naha l-ohra, r-rikorrenti kienet tibghat il-flus kull xahar lil ommha sabiex tassigura li binha ma kien jonqsu xejn. Rega' kien hemm zmien ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant li r-rikorrenti rritornat lura lejn Bansko, pero' wara ftit xhur skopriet li l-intimat kellu d-dejn u rega' beda jezercita l-vjolenza fuqha. B'hekk iddecidiet li terga' tigi lura Malta b'mod permanenti ghalkemm binha kien baqa' jghix ma' ommha.

Sabet impjieg hawn Malta u maz-zmien zviluppat ir-relazzjoni li hija ghandha llum ma' certu Kevin Muscat. Flimkien marru jzuru wkoll lill-minuri u baqghu jibghatu l-flus lill-ommha kull xahar ghall-istess minuri. Izda l-intimat baqghet jhedded tant li r-rikorrenti, kontra qalbha marret gewwa l-Olanda fejn jghix prezentement l-istess intimat biex tkun mal-istess intimat ghaliex kien qieghed iweghdha li ser igib lill-minuri jghix gewwa l-Olanda. Ghexet gidba ghal ftit zmien ghaliex qalbha kienet hawn Malta ma' Kevin, f'ambjent ta' theddid u sikkatura kbira tant li fil-hin li l-intimat kien ikun ix-xoghol, kien ihalli persuna maghha d-dar ghassa. Wara tliet xhur ta' hajja ta' priguniera, r-rikorrenti kkonvincietu sabiex imorru l-Bulgarija biex jaraw lill-minuri. Kellha l-intenzjoni li twaqqaf ir-relazzjoni taghhom hemmhekk. Kien l-intimat li qabad u telaq u r-rikorrenti hadet l-opportunita' sabiex tqatta' gimgha ta' kwalita' ma' binha f'Hisarya (bil-flus li kien baghtilha Kevin) qabel ma giet lura hawn Malta.

Kif giet lura Malta l-attrici hadet kors tax-xaghar li kien Kevin li hallas, mantniha ghaz-zmien kollu u kien jibghat

ukoll is-somma ta' mija u hamsin ewro (€150) fix-xahar lil ommha bhala manteniment ghall-minuri. Intavolat proceduri gewwa l-Bulgarija relatati mal-minuri li naturalment gew finanzjati wkoll minn Kevin Muscat izda l-intimat hedded li jekk tirbahom, kienet ser tispicca f'*wheelchair*. Tghid ukoll li fil-mori tal-proceduri l-istess intimat anke sahansitraipprova jtajjar lill-ommha bil-karozza biex juriha li jasal jaghmlilha l-hsara li kieku kellha tirbah il-kawza. Sussegwentement, anke ghaliex l-intimat ma riedx ikompli jonfoq flus relatati mat-tifel, l-intimat accetta li jiffirma sabiex it-tifel ikun jista' jigi Malta. Kif tlesta l-passaport tal-istess minuri, t-tifel gie Malta. Dan kien f'Dicembru 2010.

Fil-frattemp, kienet zviluppat kondizzjoni medika f'ghajnejn l-istess minuri li qed tigi trattata hawn Malta izda anke dwar din il-kondizzjoni, l-istess intimat xejn ma wera interess tant li qatt ma ipprovda ghal xi forma ta' sapport finanzjarju relattiv ghal ibnu. Hija r-rikorrenti li b'mod esklussiv tiehu hsieb lill-minuri (ovvjament anke bl-ghajnuna ta' Kevin Muscat) ghaliex minkejja li permezz ta' sentenza tal-10 ta' Jannar 2011 moghti mit-Tribunal ta' Byala l-intimat gie ordnat ihallas manteniment ta' sitta u sebghin ewro u disgha u sittin centezmu (€76.69) kull xahar mis-7 ta' Gunju 2010 'il quddiem, dan baqa' qatt ma thallas kif qatt ma thallsu l-arretrati tal-istess manteniment fl-ammont ta' disa' mija u ghoxrin ewro u tletin centezmu (€920.30).

L-istess rikorrenti tispjega kemm il-minuri integra tajjeb hawn Malta tant li qed imur l-iskola (kif jirrizulta wkoll minn Dok. AAA6 esebit a fol 19 tal-process), tghallem l-ingliz sew u huwa kapaci jaghmel traduzzjoni mill-ingliz ghall-Bulgaru u jinsab kuntent hawn Malta flimkien mar-rikorrenti ommu u s-sieheb taghha. L-istess rikorrenti ssemmi wkoll lis-*social worker* Josanne Abela li hija tal-opinjoni li huwa ideali ghall-minuri li jkompli jghix f'dan l-ambjent familjari[1]. L-intimat min-naha tieghu ghadu xi kultant jaghmel xi telefonata pero' dawn ikunu l-aktar indirizzati aktar lejn ir-rikorrenti milli lejn il-minuri u mhux l-

[11] Ara d-dokument mahrug mill-istess *social worker* esebit a fol 20 tal-process

ewwel darba li jheddidha li ser jaghmel xi haga. Ir-rikorrenti hija determinata din id-darba li ma taqax ghan-nasba u ghat-theddid tal-intimat.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tibda biex tirrileva li hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat *stante* li huwa assenti mill-gzejjer Maltin filwaqt li l-kuraturi deputati li jirrapprezentawh fil-kawza odjerna m'humiex edotti mill-fatti. *Nonostante* dan, u *nonostante* l-fatt li il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni tal-fatti hekk kif prodotti mir-rikorrenti, kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Il-partijiet fl-ismijiet premessi kellhom relazzjoni u frott tal-istess, nhar l-10 ta' April 2010 twieled il-minuri V V[2].

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Kevin Muscat, is-sieheb tar-rikorrenti li huwa fil-hajja tal-istess minuri, ferm aktar mill-intimat assenti u li jkompli jikkonferma dak li tghid ir-rikorrenti. Mix-xiehda tieghu jidher car li l-minuri ghandu rapport tajjeb mieghu u hemm *bond* sabiha bejniethom u l-problema ta' komunikazzjoni minhabba l-lingwa spiccat. Ovvjament il-minuri kellu bzonn iz-zmien tieghu sabiex jidra f'pajjiz u ambjent gdid kif ukoll sabiex isir jafda lill-istess Kevin, ghaliex ma kellux ezempju sabih minn missieru. Maz-zmien adatta tajjeb, integra l-iskola u tghallem l-ingliz u jikkonferma kemm il-minuri jinsab ferhan u kuntent hawn Malta tant li mhux l-ewwel darba li staqsih biex jibda jsejjahlu 'dad'. Dan juri kemm il-minuri huwa fattwalment komdu ma' Kevin u kemm jarah bhala *father figure*. Ix-xhud jikkonferma wkoll li l-intimat jhedded li ser jiehu t-tifel u ghadu jsostni li jrid lir-rikorrenti meta fil-verita' jrid ikompli jaghmel pussess fuqha kif kien jaghmel qabel meta kienu flimkien.

[2] Kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit a fol 7 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Lorraine Camilleri, rapprezentanta ta' Newark Junior School fejn jattendi l-minuri[3], fejn tikkonferma fl-ewwel lok li l-minuri jattendi l-iskola li hija tirrapprezenta u li fit-tieni lok ghamel progress kbir. Ix-xhud tikkonferma li l-istess minuri ghandu 'A' fil-qari u li akkademikament mexa 'l quddiem hafna u li integra sew fl-iskola tant li issa qieghed fl-istess livell tat-tfal tamparu. Tikkonferma wkoll li dejjem imur l-iskola nadif u mlibbes sew u li hu tifel ferriehi b'dan li qatt ma jsemmi lil missieru. Tghid ukoll li huwa Kevin Muscat li jhallas ghall-mizati tal-iskola tal-istess minuri.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda ta' Dr. Mario Tabone[4], specjalista tal-ghajnejn li filwaqt li kkonferma l-kondizzjoni li jbati minnha l-minuri u li ssemmi kemm ir-rikorrenti kif ukoll Kevin Muscat, ikkonferma wkoll li l-istess kondizzjoni marret ghall-ahjar tant li ghajnejn il-minuri jinsabu fi stat tajjeb, il-vista hija normali u ma sab xejn li jista' jinkwetah tant li janticipa li vista ta' darba fis-sena issa hija bizzejjed.

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' omm ir-rikorrenti, Tatyana Stoyanova Gencheva[5] fejn tghid li meta skopriet li bintha kienet qed tiffrekwenta lill-intimat assenti, ma hadet xejn gost ghaliex kienet taf li ma kienx gej minn familja tajba. Hadd mill-familja tieghu ma ried jahdem u kien maghruf bhala *trouble maker* li jhobb jixrob u jaqbad mat-tfajliet. Ix-xhud tikkonferma r-relazzjoni turbolenti li kellha r-rikorrenti mal-intimat, tant li tghid li darba fost l-ohrajn, meta kienet fi stat avvanzat tat-tqala taghha, kienet cemplitilha tibki u titlobha l-ghajnuna ghaliex ma setghux ikampaw finanzjarjament. Tikkonferma wkoll it-temperament ikrah tal-intimat u kemm xejn ma kien jimpurtah mill-minuri tant li mhux l-ewwel darba illi qabad u abbanduna kemm lil bintha kif ukoll lill-istess tifel. Ix-xhud tghid ukoll li hadet hsieb tal-minuri imma l-intimat qatt ma baghat xi flus ghall-istess tifel. Tikkonferma wkoll li kien hemm xi rikonciljazzjonijiet bejn il-partijiet pero' bintha dejjem irritornat lura b'qalbha maqsuma ghaliex l-

[3] Ara x-xhieda taghha a fol 86 tal-process
[4] Esebita a fol 101 tal-process
[5] Ara t-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza esebita a fol 172 tal-process

intimat qatt ma nbidel u qatt ma assuma r-responsabbilita' ta' missier. Hi tghid ukoll li tiftakar iz-zmien meta bintha riedet tigi Malta sabiex tipprova ssib futur hawnhekk pero' l-intimat kien jaf li biex jigi hawn Malta kellu jahdem u allura baghat lilha minflok. Ix-xhud tghid li mill-ewwel indunat x'kien il-pjan tieghu, cioe' dak li jghix minn fuq bintha imma din tal-ahhar accettat u hekk sar. Dan kien iz-zmien meta l-minuri baqa' jghix ghand l-istess xhud u suppost li missieru baqa' jghix mieghu filwaqt li r-rikorrenti giet hawn Malta tahdem. Wara li x-xhud qabditu ma' mara ohra, l-intimat qabad u telaq mid-dar taghha u rega' abbanduna lill-minuri. Hi tghid li ghalih it-tifel qatt ma kien importanti u qatt ma mpurtah minnu izda issa l-minuri ghandu lil min ihobbu ghaliex hawn Malta, issa sab *father figure* f'Kevin Muscat. L-istess xhud tikkonferma l-kronologija tal-fatti kif rakkontati mill-istess bintha u tghid ukoll li n-neputi taghha huwa *settled* hawn Malta u ma jistax ikollu ambjent ahjar. Taghlaq billi tghid li r-rapport bejn ir-rikorrenti, l-minuri u Kevin Muscat huwa posittiv immens u li dan hu l-ambjent li dejjem xtaqet lil bintha tghix fih.

**Dwar il-Kura u l-Kustodja**

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[6] fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[7] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[8] fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".

Il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lir-rikorrenti li turi kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli. Dan hu kkonfermat mir-rapprezentant tal-iskola fejn jattendi kif ukoll minn Dr.

[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[7] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Tabone li kkonferma kemm anke bir-rutina ta' *hygiene* il-minuri mar tajjeb hafna. Il-Qorti hija konvinta wkoll mill-progress li ghamel l-istess minuri fl-aspett akkademiku tant li gie esebit Dok. AAA11[9] li juri l-istess progress specjalment fil-lingwa Ingliza. Dan iwassal lil din l-istess Qorti sabiex minghajr ebda forma ta' dubju tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess rikorrenti li b'mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-intimat mhux fil-hajja tal-istess minuri u qatt ma kien (ghalkemm ghadu jhedded li ser jiehdu barra minn Malta ghall-iskopijiet tieghu). Il-Qorti thoss ukoll li dan huwa fl-ahjar interessi tal-minuri wkoll sabiex jigi kawtelat xi forma ta' kontroll jew attentat sabiex jittiehed il-minuri barra minn Malta mill-intimat minghajr il-kunsens tal-istess rikorrenti. Din il-Qorti hija konvinta li ghad hemm il-biza' li l-intimat jipprova jitlaq mill-pajjiz bil-minuri, mhux ghax verament jimpurtah mill-minuri, izda sabiex jipprova jkompli jzomm pussess u kontroll fuq ir-rikorrenti, issa li ghandha hajja indipendenti minnu u sabet il-kuntentizza 'l boghod mill-hajja turbolenti li offrielha l-istess intimat.

**<u>Dwar l-access</u>**

Il-Qorti tirrileva li prezentement m'hemm ebda forma ta' access li qieghed jigi ezercitat mill-intimat. Dan *stante* li apparti l-fatt li jghix gewwa l-Olanda, qatt ma kien hemm xi forma ta' rapport bejn il-missier u l-iben. Madanakollu, l-Qorti xorta thoss u tirrileva li jekk l-istess missier juri x-xewqa li jara lil ibnu, dan ghandu jsir, pero' taht parametri li jissalvagwardjaw l-interessi tal-minuri, specjalment in vista tal-fatt li l-kuntatt huwa skars u kien hemm episodji koroh fil-passat li wasslu sabiex din ir-relazzjoni ta' bejniethom ma tinbeniex. Barra minn hekk, tibqa' t-theddida li l-intimat jista' jipprova jahrab mill-pajjiz bil-minuri kif spjegat aktar 'il fuq u huwa ghalhekk li il-Qorti thoss li jkun opportun li l-access li jezercita l-intimat ikun wiehed supervizjonat mill-Agenzija Appogg jew minn xi

[9] Esebit a fol 121 tal-process

*social worker* inkarigata mir-rikorrenti omm sabiex l-interessi tal-minuri jigu salvagwardati. Dan pero' ghandu jsir wara li jigi evalwat jekk il-minuri jkunx ser jigi affetwat b'mod negattiv minn tali access. Ghalhekk qabel ma jigi ezercitat l-access favur l-intimat, ghandu jkun hemm rakkomandazzjoni bil-miktub minn *social worker* jew persuna professjonali li fl-opinjoni professjonali taghha, l-minuri mhux ser ikun affetwat b'mod negattiv minn tali access, li jkun ifisser li jkun fl-ahjar interessi tieghu li tali access ma jsehhx, jew li jittiehdu konsiderazzjonijiet ulterjuri dwar kif tali access ghandu jsehh.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba fl-*intier* taghha u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri V V f'idejn ir-rikorrenti ommu;

2. Tilqa' t-tieni talba billi fl-ewwel lok tordna li ghandu jkun hemm rapport bil-miktub dwar x'ikunu l-konsegwenzi fuq il-minuri jekk ikun hemm access favur il-minuri lill-intimat b'dan li jekk ikun hemm rapport favorevoli, tali access ghandu xorta wahda jsir taht supervizjoni kif spjegat taht il-paragrafu 'Dwar l-Access' u tali access ghandu jsir dejjem fil-gzejjer Maltin jew fil-pajjiz tar-residenza tal-omm.

Bl-ispejjez kif mitluba ontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------